MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2010

Appell Kriminali Numru. 473/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Nazzareno Buhagiar**

**Il-Qorti**:

**1.** Permezz ta’ sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-15 ta’ Dicembru 2009, Nazzareno Buhagiar (bin Joseph u Vincenza nee Baldacchino, imwieled fit-13 ta’ Ottubru 1970 u detentur tal-karta tal-identita` nru 442470M), wara li kien irregistra ammissjoni fl-udjenza tal-5 ta’ Mejju 2009, gie dikjarat hati (i) li f’Dicembru 2006 xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta’ kummerc DVD’s b’marka, sinjal jew emblema imxebbhin b’qerq, (ii) li fl-istess zmien, bi qligh jew bi skop ta’ kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew b’mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassmu DVD’s jew xi haga

ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra protetti bi jew taht il-ligi ta' Malta, (iii) li ghamilha ta' bejjiegh f'suq fil-berah jew f'xi triq minghajr licenzja mill-awtorita` regolatorja, kif ukoll (iv) li kien recidiv skond l-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali. Dik il-qorti kkundannatu ghall-piena ta' sitt xhur prigunerija, u ordnat "il-konfiska tal-oggetti kollha ezibiti mertu ta' din il-kawza".

**2.** Permezz ta' rikors prezentat fit-18 ta' Dicembru 2009, Nazzareno Buhagiar appella minn din is-sentenza u talab ir-riforma taghha kwantu ghall-piena. Huwa jikkontendi li l-piena erogata kienet eccessiva. Huwa jikkontendi li m'ghadux jahdem ta' *hawker* u dana b'effett minn Dicembru 2006, u li waqaf proprju biex ma jkomplix f'din "l-attivita` illegali" ta' tixrid ta' materjal bi ksur tal-Artikoli 298 u 298B tal-Kodici Kriminali. Jikkontendi wkoll li fis-seduta tal-15 ta' Dicembru 2009 quddiem il-Qorti Inferjuri il-prosekuzzjoni kienet "qablet" li huwa jehel multa ta' Lm500. Jghid li llum biddel hajtu.

**3.** Din il-Qorti tapprezza l-isforzi tal-avukat difensur tal-appellant biex jipprova jikkonvinci lil din il-Qorti tbiddel il-piena erogata mill-ewwel qorti, izda fir-realta` ma hemm assolutament ebda raguni valida ghala l-piena erogata mill-ewwel qorti ghandha tigi varjata. L-appellant ghandu fedina penali ta' 41 faccata, b'xejn anqas minn tmintax-il kundanna qabel Dicembru 2006 u tmien kundanni ohra wara Dicembru 2006. Il-verbal tal-udjenza tal-15 ta' Dicembru 2009 quddiem il-Qorti Inferjuri ma jindika ebda "qbil" dwar xi piena ta' multa.

**4.** Kollox ma' kollox, dana l-appell jirrazenta l-fieragh.

**5.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------